



Brussell, 19 ta' Marzu 2019
(OR. en, es)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0433(COD)

7165/19
ADD 1 REV 1

CODEC 608
AVIATION 46
PREP-BXT 99

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni taqbel mad-dikjarazzjonijiet li saru fl-Artikolu [1 bis] u fil-Premessa [5a] fir-rigward tal-effetti tar-Regolament fuq id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri skont l-Artikolu 2(2) tat-TFUE. Il-Kummissjoni tfakkar li dik id-diviżjoni hija ttrattata b'mod eżawrjenti fit-Trattati, kemm għal ċirkostanzi tas-soltu kif ukoll għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li dan ir-Regolament ma joħloqx preġudizzju għan-natura tar-relazzjoni futura mar-Renju Unit fil-qasam tal-avjazzjoni, u li l-eżerċizzju ta' kompetenza fir-Regolament huwa temporanju u limitat b'mod strett għall-perjodu ta' validità tiegħu. Se jkun il-Kunsill li jistabbilixxi t-termini ta' kwalunkwe deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal relazzjoni futura skont l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE u b'mod ġenerali mad-dritt tal-Unjoni, u b'rispett sħiħ għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar fil-Linji Gwida tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2018 dwar ir-relazzjoni futura mar-Renju Unit, stabbiliti bil-ħsieb li jinfetħu negozjati dwar il-fehim kumplessiv tal-qafas għar-relazzjoni futura. Skont il-punt 11 ta' dawk il-Linji Gwida, fil-qasam tal-avjazzjoni l-għan għandu jkun li tiġi żgurata konnettività kontinwa bejn ir-Renju Unit u l-UE wara l-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni; dan jista' jinkiseb, inter alia, permezz ta' ftehim dwar it-trasport bl-ajru, flimkien ma' ftehimiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà tal-avjazzjoni, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni b'saħħithom.

Wara li kkunsidrat dawk il-Linji Gwida, il-Kummissjoni beħsiebha tressaq ir-rakkomandazzjoni rilevanti lill-Kunsill fi żmien debitu u malajr kemm jista' jkun."

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

L-Istati Membri jqisu li negozjati rapidi għal ftehim komprensiv futur mar-Renju Unit dwar it-trasport bl-ajru huma importanti. Id-deċiżjoni li tingħata awtorizzazzjoni biex il-Kummissjoni tinneogzja tali ftehim teħtieġ madankollu eżami dettaljat tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri jqisu adatt li l-ftehim komprensiv futur mar-Renju Unit dwar it-trasport bl-ajru jkun ftehim imħallat tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Fil-fehma tal-Istati Membri xejn fir-regolament (b'mod partikolari s-sentenza 2 tal-premessa 5 tiegħu) ma jipprekludi deċiżjoni f'dan is-sens.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit (UK):

- Jilqa' l-intenzjoni ta' din il-proposta li ser tgħin biex jiġi żgurat tfixkil minimu għaċ-ċittadini u n-negozji fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha fil-każ ta' xenarju bla ftehim. Hija soluzzjoni prammatika li tgħin biex tingħata ċertezza liċ-ċittadini u n-negozji, u r-Renju Unit lest jagħti aċċess reċiproku lill-operaturi tal-UE kif teħtieġ il-proposta.
- Madankollu, jisħaq b'mod ċar li ma jaċċettax il-pożizzjonijiet stipulati dwar Ġibiltà.
- Itenni ċ-ċertezza tiegħu dwar is-sovranità tiegħu fuq Ġibiltà (inkluż it-territorju li fuqu jinsab l-Ajruport ta' Ġibiltà).
- Għalhekk, jisħaq b'mod ċar u jiddikjara uffiċjalment li r-Renju Unit jirrifjuta l-premessa 7b li mhix konsistenti mal-pożizzjoni legali tar-Renju Unit.
- Jinsisti li, peress li din il-miżura ser tiġi adottata meta r-Renju Unit għadu stat membri, il-pożizzjoni legali tar-Renju Unit għandha tiġi riflessa fil-premessi.
- Jagħmilha ċara li, fil-proċess tal-finalizzazzjoni tat-test, ikun aktar adatt li jintuża l-lingwaġġ stabbilit fir-Regolament, li jiddikjara li huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fir-rigward tat-tilwim fuq is-sovranità fuq it-territorju li fih jinsab l-ajruport ta' Ġibiltà.
- Jinnota d-dispaċir tiegħu li Ġibiltà ma ġietx inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-miżura u jtenni l-intenzjoni tiegħu li, fir-rigward tar-relazzjoni futura mal-UE, huwa ser jinnegozja f'isem il-familja sħiħa tar-Renju Unit, inkluż it-territorji tagħha barra mill-ibħra tar-Renju Unit.

Dikjarazzjoni minn Spanja

Spanja tfakkar li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tar-Regolament attwali jeskludi lil Ġibiltà, skont il-premessa 13. Barra minn hekk, b'rabta mal-premessa 14, Spanja ttenni wkoll li ma tirrikonoxxi l-ebda sovranità tal-Gran Brittanja fuq l-Istmu fejn jinsab l-ajruport peress li dan qatt ma ġie ċedut lir-Renju Unit, la fl-Artikolu X tat-Trattat ta' Utrecht, u lanqas sussegwentement. L-Istmu kien l-oġġett ta' approprjazzjoni "de facto" mingħajr ebda bażi legali, li qatt ma ġiet aċċettata minn Spanja.
